# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru għoxrin (20) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 5 ta' Diċembru 2012, fil-3pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta li l-bins li twaħħlu fejn l-istages ta' triq San Pawl u triq San Ġwann huma antiki [ref punt nru. 3.1].

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm 16 it-tifel fin-nursery [ref. punt nru. 3.2].

Il-Viċi Sindku u l-kunsillier Carlo Stivala qalu li għandhom isiru friendlies għax it-tfal iddejqu bit-training biss. Is-Sindku qal illi meta bagħtna questionnaires fil-passat, il-Kunsill qatt ma rċieva rikwest għal friendlies u għalhekk jemmen illi dan mhux is-soluzzjoni li għandna bzonn. Qal illi bil-kompetizzjoni li hemm issa bin-nurseries tal-irħula ta' madwarna, in-nursery dejjem kienet se tieħu daqqa għax tfal issa

għandhom clubs fejn jitrenjaw barra l-bieb tad-djar tagħhom. Qal illi ħafna mill-ġenituri li riedu l-grawnd fil-passat issa qegħdin jibagħtu t-tfal tagħhom nurseries oħrajn.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm bzonn ta promozzjoni tan-nursery, waqt illi l-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-Head Kowċ ilu javza li qegħdin jonqsu t-tfal. Qal lil kunsillier Carlo Stivala illi jekk jaf b'nurseries oħrajn illi huma nteressati li jsiru friendlies, dan għandu jieħu ħsieb illi dawn isiru flimkien mal-Head Kowċ.

Is-Sindku qal ukoll illi n-nursery qegħda tmut mewta naturali, u avolja għandna ngħinu fejn nistgħu, ma nistgħux nagħtu wisq sforz, u għalhekk ma jaqbilx mal-proposta tal-kunsillier Carlo Stivala illi nieħdu tfal ta' nurseries oħrajn biex nidħlu fit-tournaments.

3.3 Is-Sindku qal illi Transport Malta qablu li ssir bus stop fejn Barbara Press [Vjal ix-Xarolla], imma ma kellhomx risposta definita biex il-karozzi tal-linji jibqgħu jidħlu sa triq Qerd in-Naħal [ref: punt 3.5]. Il-Kunsill iltaqa mas-sur Kevin Zahra [Transport Malta] fejn ġie spjegat il-ħsibijiet tal-Kunsill.

3.4 Is-Sindku qal illi x-xogħol tal-qtugħ tal-ħaxix se jitlesta sal-aħħar tal-ġimgħa u li se jibdew jaħdmu bil-mutur wara [ref: punt nru. 3.10]

3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandu japprova l-fuljett sal-Ġimgħa 7 ta' Diċembru u għalhekk talab illi jaqraw l-aħħar versjoni tal-messaġġi tagħhom [ref: Aġenda punt nru 6]

3.6 Is-Sindku qal illi l-injama tal-iswing se tiġi rranġata fil-ġranet li ġejjin [ref punt nru 9.3]

3.7 Is-Sindku qal illi xtara l-bozoz [ref: punt nru. 9.5] u se jagħmilhom bejn il-librerija u x-xatba tal-iskola li juzaw in-nies biex jidħlu sal-librerija.

3.8 Is-Sindku qal illi għadna rridu nneħħu l-vleġeġ li hemm f'triq it-Twemmin [ref: punt nru. 9.9].

3.9 Il-kunsillier Carlo Stivala qal min huma n-nies illi se jagħmlu l-grupp tal-isport illi se jgħin lil kunsill fit-tema sportiva. Dawn huma is-sur Cliff Caruana, is-sur Charles Fenech, is-sur Carlo Stivala, is-sur Omar Schembri, is-sinjorina Maria Sammut, is-sinjorina Joanna Busuttil u s-sinjorina Rodianne Zammit u s-sur Jorgil Bonello.

3.10 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi ċ-Championship taċ-ċiklizmu se jsir fl-10 ta' Marzu 2013 bejn is-7am u 10am. Talab illi tingħalaq triq Carmelo Caruana: Politiku u Avukat bejn dawk il-ħinijiet [ref: punt nru. 9.11]. Għat-triathlon li sema fl-istess punt tal-laqgħa preċedenti, qal illi anqas se jkollhom bzonn ta' permessi. Qal ukoll illi għandna navzaw lil MOC Malta Olympic Committee b'kull attivita li nagħmlu bħala Kunsill peress illi dawn jagħtu awards fl-aħħar tas-sena.

3.11 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi rċieva t-talba li jittieħdu ritratti u filmati tar-raħal [ref punt nru. 9.12] għall-programm 'Venere', u kien hemm qbil mill-Kunsill.

**4. Korrespondenza**

4.1 Il-kunsill aċċetta li nġeddu l-kuntratt mal-GreenPak peress illi wasal iz-zmien illi dan isir.

4.2 Il-Kazin tal-Banda bagħtu l-istess stima ta' snin oħra ta' €700 biex idoqqu waqt l-attivitajiet tal-Kunsill għall-festi tal-Milied. Il-Kunsill għandu jħallas €350 minn dawn is-€700.

4.3 Il-Kunsill irċieva ittra mill-MRA li qalu li ġejjin jaraw it-toroq li l-Kunsill applika għalihom taħt Misura 125 tal-Gal Xlokk fis-sena 2010. Dawn ġew u qalu illi x-xogħol għandu jsir bil-konkrete. Is-Sindku qal illi għandu jiltaqa ma Sindki oħrajn dwar dan għax ħadd minnhom ma kien jaf li x-xogħol irid isir bil-konkrete.

4.4 Il-Kunsill irċieva email mis-Segretarju tar-Reġjun Nofs in Nhar, Reuben Sciberras li bagħat l-ideja tal-ex Sindku ta' Ħal Qormi li ppropona li Kunsilli għandhom jieħdu 10% tal-ammont tat-total tal-multi għal-ksur tal-liġi li jsir fil-lokalita tagħhom, meta dawn il-multi jiġu mħalsin ġo Kunsilli oħrajn. Is-Sindku qal illi għandna nieħdu direttiva mingħand id-Dipartiment. Is-Sindku qal illi jekk jiġri hekk, ir-Reġjun se jikser saqajh. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi dan ma jistax isir.

4.5 Is-sur Harry Attard talab discount għall-użu tal-grawnd [għal sagħtejn] waqt il-festi, fejn se jiġbor flus għal-Dar tal-Providenza. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jaqbel li jużaw il-grawnd b'xejn jekk jgħid illi l-Kunsill kien ta' għajnuna għal ġbir tal-flus. Il-Kunsill qabel illi nagħtu l-fee għal dawk is-sagħtejn lil dak li jieħu ħsieb il-grawnd. Il-Kunsill qabel illi għandna nirċievu provi li dan il-flus waslu għand id-Dar tal-Providenza.

4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm €19799.46 bħala fondi allokati għall-Kunsill mill-UIF.

4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qara Memo 49/2012 fejn il-Kunsill jista japplika għal fondi għall-inizzjattivi sportivi. Il-Kunsill se japplika għal fondi biex inħalsu l-kowċes tan-Nursery, kif ukoll tal-ġimnastika.

4.8 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil, bħala ex-Sindku, qed jirċievi appell għad-deċiżjoni ta' kaz dwar aċċidenti li sar fit-triq tal-Karwija ftit ta' snin ilu. Waqt illi l-Kunsill se jieħu l-parir tal-avukata li ħadet ħsieb il-kaz, il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi t-triq ma taqax taħt il-Kunsill u għalhekk dan il-persuna għandu jiġġieled mal-Gvern, u mhux mal-Kunsill.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti tas-seduta preċedenti**

5.1 Il-kunsilliera qablu mal-kontijiet fil-Payment Approval Sheet.

**6. Ħwejjeġ oħra**

6.1 Il-Kunsill se jiddiskuti l-mozzjoni mressaq mill-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Publius Abdilla fl-20 ta' Diċembru. Dan għaliex is-Segretarju Eżekuttiv rċieva l-mozzjoni inqas minn 5 t'ijiem qabel il-laqgħa [fit-3 ta' Diċembru], waqt illi bejn l-10 ta' Diċembru u 18 ta' Diċembru s-Segretarju mhux se jkun jista jattendi peress illi se jkun bil-leave. Il-Minuti ta' din il-laqgħa se jkunu mehmuza mal-Minuti ta' din is-seduta.

6.2 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm ħofra f'triq San Ġużepp.

6.3 Il-Viċi Sindku reġa sema s-siġra ta' Rqajja. Is-Sindku qal illi għadu ma ġiex it-Tower Ladder u li reġa bagħat email fil-ġurnata tas-seduta biex dan jiġi. Qal illi fl-istess ħin se nużawh għax-xogħol meħtieġ fuq is-siġar tal-ħarrub tal-Ħlantun.

6.4 Il-Viċi Sindku qal illi rċieva lment illi hemm parti tal-pjazza li qegħda żżomm l-ilma. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ma jista jsir xejn ħlief sleeping policeman [li ma jaqbilx għanda tkun

soluzzjoni] jew kanal għal isfel. Il-kunsillier Publius Abdilla ma qabilx illi ssir kanal għalhiex noħolqu problemi għal triq il-Kuċċard hekk.

6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa mal-Blues Limited [kumpanija li jagħmlu tabelli/sinjali/mapep,eċċ] Qal illi meta hemm bzonn ta' dawn it-tipi ta' materjal il-Kunsill ikun jista jieħu kwotazzjonijiet mill-kumpanija peress illi x-xogħol tagħhom jidher sabiħ, izda fl-istess ħin għandhom prezzijiet għoljin.

6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qal lil ta' EneMalta dwar il-problema tal-bozoz fl-area tal-Ħlantun, fejn id-dawl mhux qed jixgħel qabel id-9pm. Qal illi rrispondew billi qalu li kien hemm kaz simili f'lokalita differenti fejn saru jafu li kaċċaturi kienu qegħdin jilagħbu bid-dawl. Qalu wkoll illi jista jkun hemm problema bit-timers.

6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa ma EMCare li għandhom prodotti u equipment għall-anzjani. Il-Kunsill qal illi dawn għandhom jilaqgħu mad-Day Centre biex juruhom il-prodotti, jekk jirċievu l-permess tal-Head tad-Day Centre.

6.8 Wara talba fil-laqgħat preċedenti, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fl-istaġun preċedenti, il-kowċes tan-nursery ħadu €6206.80. Qal ukoll illi parti minn dan il-flus ġie mħallas minn fondi bħal ma huma dawk ta Memo 49/2012 li ġie msemmi qabel [punt 4.7]

6.9 Is-Segretarju Eżekuttiv talab illi l-kunsill jaċċetta li jġedded il-leave ta' 2012 għal 2013. Qal illi sal-aħħar tas-sena, sakemm ma jieħux ġranet oħrajn wara l-leave li jmiss f'nofs Diċembru għandu jġedded 180.5 sigħat għal sen'oħra. Kien hemm qbil mill-Kunsill.

**7. Laqgħa li jmiss**

7.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

7.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fl-20 ta' Diċembru 2012 [għal mozzjoni]

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |